Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 17/2006

Angelina sive Lina Schembri

Vs

Francis Schembri

**Sentenza Parzjali dwar jekk kawza ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u likwidazzjoni tistatx issir fejn fir-rikors guramentat ma tkunx saret talba ghall-firda personali kontra l-konjugi l-iehor.**

Illum 12 ta’ April, 2007.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet li:-

Il-kontendenti zzewgu fit-3 ta' Gunju 1984 u b'rizultat ta' liema zwieg dahlet fis-sehh il-komunjoni tal-akkwisti. Il-kontendenti ghandhom komuni bejniethom investimenti ta' flus fil-banek u fil-Borza ta' Malta, interessi f'kumpanniji privati u pubblici, flus kontanti, qliegh tan-negozju, gestjoni tan-negozju, u konsistenzi ohra kif ukoll passiv kif ser jirrizultaw f'aktar dettall fil-kors tal-kawza.

Illi l-imgieba tal-konvenut dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti matul dawn l-ahhar snin kienet tali li tipperikola l-interessi tal-attrici u tal-familja.

Illi l-attrici trid li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xjolta u tiehu sehemha mill-assi u l-passiv li sar bil-kunsens jew konnoxxenza taghha.

Ghalhekk l-attrici qeghda titlob lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti.

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti u tiddikjara li tikkonsisti f'dawk il-beni ta' kull xorta u natura, konsistenzi, u sustanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza, u f'dak il-passiv li jirrizulta li gie kkuntrattat bil-kunsens u konoxxenza tal-attrici.

3. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti u tassenja nofs il-beni u l-passiv hekk rizultanti lill-attrici.

Illi permezz ta' risposta guramentata prezentata fil-21 ta' Novembru 2006[1], il-konvenut fl-ewwel lok ikkontesta l-validita' ta' dawn il-proceduri in kwantu m'huwiex moghti d-dritt li xi wahda mill-konjugi illi titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti minghajr ma titlob is-separazzjoni personali. Imbaghad ghadda biex zviluppa l-argument tieghu fil-paragrafi numri tnejn (2) sa sitta (6) tar-risposta. Fil-meritu, il-konvenut ikkontesta l-pretenzjoni tal-attrici mhux biss ghaliex m'hijiex permessa mil-ligi imma wkoll ghaliex m'hemm l-ebda raguni illi tiggustifika dan u li l-

[1] Fol. 5.

imgieba tieghu fl-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kienet wahda korretta.

Rat l-atti kollha tal-kawzi nkluzi n-noti prezentati mill-kontendenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghal-lum ghall-sentenza parzjali fuq l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut (paragrafu wiehed sa sitta tar-risposta guramentata tal-konvenut).

Ikkunsidrat:-

1. L-attrici ddikjarat li din il-kawza saret a tenur ta' l-Artikolu 1332(1)(b) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan l-Artikolu jaqra:-

*"(1) Il-qsim gudizzjarju ta' beni jista' jigi dikjarat -*

*Omissis;*

*(b) meta s-sitwazzjoni dizordinata ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg jew l-* ***imgieba taghha dwar l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti tipperikola l-interessi tal-komunjoni ta' l-akkwisti****, jew tal-familja jew tal-parti li titlob il-qsim gudizzjarju tal-beni"*

2. Illi l-ewwel sitt eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut tista' tghid kollha jitrattaw il-kwistjoni dwar il-validita' ta' dawn il-proceduri, in kwantu l-argument principali tal-konvenut huwa li proceduri ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tista' ssir biss f'kawza ta' separazzjoni personali. Minn qari tan-nota li giet prezentata mill-konvenut fit-2 ta' April 2007 jidher li dan qieghed jisposta d-difiza tieghu fis-sens li issa dahal fuq il-kwistjoni jekk l-azzjoni tal-attrici taqax fil-parametri ta' l-Artikolu 1332(1)(b) tal-Kodici Civili[2]. Ovvjament il-Qorti trid

[2] L-attrici fin-nota taghha tat-12 ta' Marzu 2007 (fol. 16) iddikjarat li l-kawza saret a tenur ta' dan il-provvediment.

tiddecidi fuq l-eccezzjonijiet li jkunu nghataw fir-risposta guramentata.

3. Minn qari tal-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili (Kap 16), jirrizulta bl-iktar mod car li wahda mill-konjugi tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qsim tal-gid bejn il-konjugi minghajr il-htiega li tintalab separazzjoni. Hekk per ezempju l-Artikolu 1322(4) tal-Kodici Civili jipprovdi li meta l-Qorti tordna l-qsim gudizzjarju tal-beni, f'dik l-istess sentenza ghandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti tispicca. Il-qsim gudizzjarju tal-beni jwassal biex il-beni li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu bejn il-konjugi, b'dan li skond l-Artikolu 1322(6) tal-Kodici Civili l-Qorti ghandha l-awtorita' li tordna li l-beni ***"ma jinqasmux qabel ma jghaddi dak iz-zmien, wara li tispicca l-komunjoni ta' l-akkwisti, li tista' tistabbilixxi"***. Kuntrarjament ghal dak li qal il-konvenut fin-nota tieghu tat-2 ta' April, 2007, mill-atti jirrizulta bla dubju li l-attrici qeghda ssostni li l-konvenut m'huwiex jamministra l-komunjoni tal-akkwisti sew u qieghed jipperikola l-interessi taghha u tal-familja. Tant hu hekk wahda mill-premessi tar-rikors guramentat hi ***"illi l-imgieba tal-konvenut dwar l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti kienet f'dawn l-ahhar snin tali li tipperikola l-interessi tal-esponenti kif ukoll tal-familja"***[3]. Ghalhekk bla dubju l-kawza ntavolata mill-attrici taqa' fil-parametri ta' l-Artikolu 1332(1)(b). Issa jekk l-attrici jirnexxilix taghti prova ta' dan hija kwistjoni ohra, li m'huwiex il-meritu ta' din is-sentenza preliminari. Ghalkemm, kif ighid il-konvenut, zwieg f'Malta igib *ipso jure* l-komunjoni tal-akkwisti[4], b'daqshekk ma jfissirx li din it-tip ta' kawza m'hijiex kontemplata mil-ligi. Ghalhekk m'huwiex minnu li sabiex tispicca l-komunjoni tal-akkwisti u jinqasam il-gid bejn il-konjugi trid issir talba kontestwali ghas-separazzjoni bejn il-konjugi. Kif rajna, l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili qieghed jipprovdi ghal rimedju ghal min mill-konjugi jsib ruhu f'wahda mic-cirkostanzi kontemplati mill-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili. Inoltre, ir-riferenza li ghamel il-konvenut fin-nota tieghu tas-16 ta'

---

[3] Fol. 1.
[4] Sakemm ma jkunx hemm ftehim mod iehor.

Frar 2007 ghall-Artikoli 1237(2), 1244, 1245 u 1246 tal-Kodici Civili (Kap. 16) hija ghal kollox irrilevanti ghall-ezitu tal-eccezzjoni li qeghda tigi trattata.

4. Illi dwar is-sitt eccezzjoni, m'hemm xejn fil-ligi li qabel issir din it-tip ta' kawza l-attrici kellha *"l-ewwel tmur quddiem din il-qorti fil-gurisidizzjoni taghha volontarja u takkwista d-debita awtorizazzjoni min hemm"*[5]. Ma jezisti l-ebda provvediment li trid tintalab awtorizazzjoni lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja sabiex issir kawza ghall-qsim gudizzjarju tal-beni skond l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni ser tigi michuda. Inoltre, l-awtorizazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Divizjoni tal-Familja), li m'hijiex qorti ta' gurisdizzjoni volontarja, hija mehtiega f'kaz meta l-konjugi tkun trid tipprocedi ghall-firda personali kontra l-konjugi l-iehor jew fil-kazijiet kontemplati mir-Regolament 9 tal-Avviz Legali 397 ta' l-2003[6]. Il-kawza odjerna m'hijiex wahda li japplika ghaliha l-imsemmi Avviz Legali.

5. Fl-ahharnett, il-Qorti tosserva li l-fatt li mill-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2007 jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-attrici ntavolat kawza ghas-separazzjoni, m'ghandu jimpingi bl-ebda mod fuq din is-sentenza preliminari.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-ewwel sitt eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fir-risposta guramentata tieghu, u tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-provi fil-meritu.

Spejjez kontra l-konvenut.

---

[5] Ara risposta guramentata tal-konvenut (fol. 6).

[6] Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisidizzjoni Generali) u il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja).

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------